**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs.**

**Mohamed Rajab Ali Alsagheer ta' 30 sena, detentur tal- passaport bin-numru HHR7R14Z, detentur tan- numru tal- Pulizija 18358/15**

***Kawza Nru. 5451/2022***

Illum, 24 t'Awissu, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Mohamed Rajab Ali Alsagheer** u ċioe talli:

Nhar it 22 ta' Awwissu 2022 u fi xhur ta' qabel ġewwa dawn il- Gzejjer Maltin f' ħinijiet differenti;

**1.** Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fid-digriet datat nhar it-13 ta' Jannar 2021 u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kap 9 tal Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digrieti li bihom Mohamed Rajab Ali Alsagheer ingħata il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, u kif ukoll tordna li s-sommom bħala depożitu

u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli għal dawn il-proċeduri bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi sa mill-bidu tal-investigazzjonijiet kondotta mill-pulizija, tal-fatt li dan l-għemil seħħ fi żmien meta kien maħkum mill-vizzju tax-xorb, tant li anke talab l-għajnuna tal-Qorti biex jitrażżan minn dan il-vizzju. Ġiet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tenut kont tal-fatt li l-imputat ftit li xejn għandu kontroll fuq għemilu minħabba il-vizzju maħkum minnu, għalkemm qed jiġi ordnat ir-riarrest tiegħu is-somma tal-garanzija mhux qed tiġi konfiskata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah **sitt (6) xhur priġunerija**.

Ai termini tal-artikolu 579(2)u (3) tal-Kodiċi Kriminali qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu kif mogħti mill-Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke fit-13 ta' Jannar, 2021 kif sussegwentement emendat, jekk il-każ.

Ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trattament għal żmien 6 xhur, li jista' jiġi mġedded skond il-każ, sabiex jegħleb il-vizzju tax-xorb kif ukoll sabiex jingħata kull għajnuna psikoloġika li jista' jinħtieġ.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk ma jsegwix l-istruzzjonijiet li ser jingħatawlu mill-Uffiċjal tal-Probation rigward l-ordni ta' trattament.

Finalment, in segwitu ta' talba tal-imputat stress, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(2)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni w lid-Dipartiment tal-Probation u Parole.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**